MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 754/2003/1

**Georgina Borg**

**v.**

**Errol Cassar**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza li ddikjarat kawza fil-prim istanza bhala dezerta wara li l-konvenut ta l-eccezzjoni tad-deserzjoni.

**2.** Brevement l-*iter* ta’ din il-kawza kien hekk:

**i.** Fl-**24 ta' Lulju 2003** Georgina Borg ipprezentat citazzjoni fil-Prim Awla kontra Errol Cassar. Il-kawza tirrigwarda l-proprjeta` u l-uzu ta' bejt ta' blokk bini. B'digriet tad-**19 ta' Awissu 2003** dik il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-**26 ta' Novembru 2003**.

**ii.** Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2003 irrizulta li l-konvenut kien ghadu mhux notifikat bic-citazzjoni – u jidher li anke l-attrici kienet ghadha ma gietx notifikata bl-avviz ta' l-appuntament – ara r-riferta negattiva a fol. 15 *tergo*. In fatti l-verbal tas-26 ta' Novembru 2003 jghid li meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Pero` jidher li aktar tard f'dik l-udjenza deher l-Avukat Dott. Ian Refalo u ta ruhu b'notifikat bil-mozzjoni ta' l-appuntament a nom ta' l-attrici. Il-kawza giet ghalhekk differita ghat-**18 ta' Marzu 2004** "ghan-notifika tal-konvenut". Fit-18 ta' Marzu 2004, meta ssejhet il-kawza deher biss l-avukat tal-attrici, u, skond il-verbal ta' dik l-udjenza, il-kawza giet differita "ghan-notifika tal-konvenut ghat-**2 ta' Gunju 2004**." Jigi precizat li sa issa ma kienet ghadha saret ebda talba ghal notifika wara l-hinijiet legali u wisq anqas talba ghan-notifika permezz ta' l-affissjoni.

**iii.** Meta l-kawza ssejhet fit-2 ta' Gunju 2004, irrizulta li l-konvenut kien ghadu mhux notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh. Il-verbal ta' dik l-udjenza jghid, *inter alia*, "Il-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghan-notifika tal-konvenut ghas-**16 ta' Novembru 2004** fl-10.15 am b'dan li jekk jerga' ma jsir ebda tentattiv ta' notifika sejra tikkancella l-kawza." Kien biss fit-**23 ta' Gunju 2004** li l-attrici pprezentat rikors ghan-notifika wara l-hinijiet legali (fol. 21), li gie akkordat l-ghada. Jirrizulta li sa qabel din id-data tat-23 ta' Gunju 2004 kien sar tentattiv wiehed biss ta' notifika u cioe` fit-18/9/2003 bir-rizultat li fl-indirizz moghti ma kien fetah hadd (ara r-riferti ta' l-istess data – 19/9/03 – riferibbilment ghaz-zewg dokumenti (citazzjoni u avviz) konnessi ma' l-ewwel udjenza, a fol. 14 *tergo* u 16 *tergo*).

**iv.** In segwitu ghar-rikors u d-digriet imsemmi, il-Marixxall tal-Qorti rega' mar fl-**14 ta' Lulju 2004** biex jinnotifika lill-konvenut bic-citazzjoni fl-indirizz moghti fi Gwardamangia, izda rega' ma fetah hadd (ara riferta a fol. 31 *tergo*). Fit-**23**

**ta' Lulju 2004** l-attrici pprezentat rikors fejn talbet in-notifika bl-affissjoni. It-talba intlaqghet mill-ewwel Qorti fit-30 ta' Lulju 2004. Skond ir-riferti a fol. 33 *tergo*, in-notifika bl-affissjoni jidher li saret fil-**25 ta' Awissu 2004**. Il-konvenut Errol Cassar ipprezenta n-nota ta' l-ecezzjonijiet tieghu fl-1 ta' Settembru 2004, fejn l-ewwel eccezzjoni tieghu tghid hekk: "Preliminarjament l-istanza attrici ghandha titqies dezerta a tenur ta' l-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li n-notifika tac-citazzjoni odjerna saret aktar minn sena wara l-prezentata tal-istess citazzjoni." Kif inghad, l-ewwel Qorti, bis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar 2005, laqghet din l-eccezzjoni, bl-ispejjez kontra l-attrici. Wara li dik il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi[1], fil-parti operattiva ta' l-imsemmija sentenza jinghad hekk:

**"Ghalhekk fil-kaz in ezami jirrizulta li c-citazzjoni giet prezentata fl-24 ta' Lulju 2003; il-kawza giet appuntata fid-19 ta' Awissu 2003 ghas-26 ta' Novembru 2003; in-nota ta' eccezzjonijiet giet intavolata fl-1 ta' Settembru 2004. Dan iwassal li l-procedura bil-miktub kellha tigi maghluqa sal-20 ta' Frar 2004 [sitt xhur wara l-ordni tal-Qorti li fiha jinghata jum ghall-ewwel smiegh tal-kawza u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (u wara l-A.L. 342/03) li permezz tieghu dahal b'effett l-Artikolu 964 kif emendat mill-1 ta' Dicembru 2003]. Ir-rikors ghar-riappuntament fi zmien sitt xhur [ghax ghalkemm il-kawza kienet fuq il-listi, a tenur ta' l-art 963(5) kellha titqies li thalliet ghal data mhux specifikata u ghalhekk kellu jsir ir-rikors fi zmien perentorju ta' sitt xhur a tenur tal-artikolu 964(1)] ma sarx [u cioe` sal-20 ta' Awissu 2004]. L-eccezzjoni tad-dezerzjoni ma tigix sollevata *ex officio* mill-Qorti izda giet eccepita mill-konvenut meta pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fl-1 ta' Settembru 2004. Ghaldaqstant tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Spejjez kontra l-attrici."**

---

[1] **Mario Schembri et v. Dr Anthony Galea Debono et** (mhux Dr Andrew Galea Debono et, kif erroneament indikat fis-sentenza appellata), P.A. 5/6/2003; **Azzopardi v. Aquilina** P.A. 5/11/1999; **Francesco Saverio Frendo v. Rev. Giuseppe Frendo et** App. 22/1/2000; **Distinct Conversions Limited v. Joseph u Agnes Fasanelli** App. 31/1/2003; u **Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd** deciza wkoll minn din il-Qorti fil-31/1/2003.

**3.** Georgina Borg appellat minn din is-sentenza. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm ir-rikors ta' appell kif ukoll ir-risposta ta' Errol Cassar, u semghet ukoll it-trattazzjoni tal-abbili difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2007.

**4.** L-appellanti ressqet erba' aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti malament applikat l-Artikolu 964 tal-Kap. 12. Wara li l-appellanti ccitat l-ewwel parti tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 964[2], hija ghaddiet biex taghmel is-segwenti osservazzjoni:
**"Minn qari ta' dan l-artikolu jidher car illi hemm zewg cirkustanzi li fihom kawza li tkun halliet *sine die* tista' terga' tibda tinstema' mill-Qorti u cioe` f'kaz illi tkun l-istess Qorti li terga' tappunta l-kawza ghas-smigh jew jekk isir rikors mill-parti interessata. Issa, fil-kaz odjern, l-ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat biss it-tieni cirkostanza li titratta dwar it-talba ghar-riappuntament li ssir permezz ta' rikors izda naqset li tezamina c-cirkostanza l-ohra, cioe` dik illi tkun l-istess Qorti li terga' tkompli tisma' l-kawza in kwistjoni.**

**"Hekk gara fil-fatt fil-kawza odjerna, fejn kienet l-istess Qorti li ghogobha terga' tiffissa seduti ghas-smigh tal-kawza, dawk tat-tnejn ta' Gunju 2004 u tas-16 ta' Novembru 2004…"**

**5.** Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti ghandha ragun. Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz kien hemm element ta' traskuragni da parti ta' l-appellanti (u dan ser jigi rifless fil-kap ta' l-ispejjez); ma hemmx dubju wkoll li l-procedura bil-miktub, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 154 u 158 tal-Kap. 12,

---

[2] L-Artikolu 964, kif sostitwit bl-Artikolu 188 tal-Att XXXI tal-2002 b'effett mill-1 ta' Dicembru 2003, jipprovdi testwalment hekk: "(**1**) Kull kawza li jkun hemm f'qorti ta' gurisdizzjoni civili li, wara li tkun giet mressqa ghas-smigh, tigi, b'ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort'ohra sospiza ghandha titqies bhala dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-qorti fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza jew ikun gie pprezentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tigi appuntata mill-gdid: Izda meta l-kawza tkun giet sospiza sakemm tigi deciza kawza ohra, iz-zmien jibda ghaddej mid-data meta din is-sentenza tkun moghtija. (**2**) Kawza tigi appuntata mill-gdid jew mill-qorti fuq il-mozzjoni taghha stess jew wara rikors ta' wahda mill-partijiet."

kellha tinghalaq “fiz-zmien perentorju ta’ sitt xhur” (Artikolu 963(1)), perjodu li, skond gurisprudenza stabbilita, jibda jiddekorri mhux mill-prezentata tac-citazzjoni izda minn meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg l-avviz ta’ dik id-data (ara, *inter alia*, **Distinct Conversions Limited v. Joseph u Agnes Fasanelli** [3] (fil-kaz odjern, ghalhekk, mid-19 ta’ Awissu 2003). Iz-zmien ta’ sitt xhur, ghalhekk, kien jaghlaq fl-**20 ta’ Frar 2004**. Wara li kien ghalaq dan iz-zmien ta’ sitt xhur l-ewwel Qorti f’dan il-kaz ma pprocedietx skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 963 – il-verbal tal-udjenza tat-2 ta’ Gunju 2004, bit-theddida ta’ kancellament, ma kienitx marbuta ma’ zmien perentorju addizzjonali ta’ xahar ghall-gheluq tal-procedura bil-miktub izda mal-fatt li kellu jsir “tentattiv ta’ notifika”. Fl-ewwel udjenza minnufih wara dik tal-20 ta’ Frar 2004 – u cioe` dik tat-18 ta’ Marzu 2004 – l-ewwel Qorti iddifferiet il-kawza ghat-2 ta’ Gunju (u, fl-udjenza tat-2 ta’ Gunju, regghet iddifferietha ghas-16 ta’ Novembru). Ghalhekk anke jekk wara l-20 ta’ Frar 2004 il-kawza kellha, bl-operat kongunt tal-Artikoli 963(5)(a) u 964(1), titqies bhala kawza li giet differita *sine die* jew li giet sospiza, id-differiment moghti fit-18 ta’ Marzu 2004 ghat-2 ta’ Gunju 2004 jammonta in effetti ghal riappuntament ghal din l-ahhar data, riappuntament maghmul minn dik il-Qorti *motu proprio* kif jipprevedi s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 964. Kif jirrizulta minn qari akkurat tas-sentenza ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Jannar 2003 fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd**, l-Artikolu 963(5)(a) meta abbinat ma’ l-Artikolu 964(1) ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva. Huwa minnu li f’dik is-sentenza l-Artikolu 964(1) kien differenti minn kif inhu llum u kif applikabbli ghall-kaz odjern – kif rajna fl-1 ta’ Dicembru 2003 dahlet fis-sehh disposizzjoni gdida in sostituzzjoni ghal dik precedenti li kien hemm – izda dan ma jnaqqas xejn mill-forza ta’ l-argument li fejn hu possibbli u fejn il-ligi tippermetti, l-atti ghandhom jigu salvati. Anzi wiehed jista’ jargumenta li aktar jaghmel sens li l-atti jigu salvati meta si tratta ta’ deserzjoni f’qorti ta’ l-ewwel grad, peress li b’tali deserzjoni l-procediment

[3] Ara nota *in calce* nru. 1.

jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni (Art. 963(6)), b'mod ghalhekk li d-deserzjoni hija biss mezz ta' dilazzjoni. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax in-necessita` li jigu mistharrga l-aggravji l-ohra ta' l-appellanti.

**6.** Kif diga` gie osservat, pero`, f'dan il-kaz jidher li kien hemm nuqqas da parti tal-attrici – ghalkemm ghandu jinghad ukoll li l-konvenut ma jidhirx li huwa persuna li facilment tinstab, kif jixhdu l-proceduri fi stadju ta' appell fejn l-appellanti kellha terga' tirrikorri ghall-affissjoni u pubblikazzjoni biex l-appellat jigi notifikat bl-avviz ta' l-appuntament.

**7.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tibghat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez sa issa inkorsi, kemm dawk tal-ewwel grad kif ukoll dawk ta' din l-istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------